MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1094/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Pius Camilleri u Ertugrul Ramazan**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm324.57), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 568521 gja 37130 (CN568521 a/c10127103).**

**Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Camilleri prezentata fil-15 ta' Lulju, 2005 fejn intqal :**
**Illi n-notifika li saret lill-eccipjent hija proceduralment nulla, peress illi l-eccipjent ircieva biss l-avviz tat-talba u ma giex notifikat bid-dokumenti li gew annessi mat-talba.**
**Illi l-azzjoni attrici, in kwantu diretta kontra l-eccipjent Pius Camilleri, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**
**Illi ghal kull buon fini, jigi indikat illi s-socjeta` attrici naqset li tindika ghal liema perijodu jew perijodi jirreferi l-ammont reklamat u ghalhekk it-talba hija monka u irritwali.**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**Illi ghalhekk it-talba attrici in kwantu diretta kontra l-eccipjent Pius Camilleri, ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Busuttil, Ludvic Camilleri. Ra l-affidavit ta' Pius Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici u tal-konvenut Camilleri.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda hlas ghal ammont dovut in konessjoni mal-linja telefonika bin-numru 568521.**
**2. Il-konvenut Camilleri fost ohrajn eccepixxa li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Art.2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut Ramazan ma pprezentax risposta.**
**3. L-Artikolu tal-preskrizzjoni imsemmi jipprovdi li azzjoni tigi preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar. Ra s-sentenzi esebiti mis-socjeta` attrici dwar dan il-punt, u senjatament dwak fl-ismijiet « Maltacom plc vs Albert Grech «  (deciza 15.06.2001 Qorti ta' l-Appell – Ghawdex – Onor C.A.Agius), « Telemalta Corporation vs Salvu Brincat (deciza 31.01.2003 Qorti ta' l-Appell**

**Civili Superjuri), fejn intqal li ghall-kazijiet simili, l-Artikolu tal-preskrizzjoni applikabbli ma hux l-Art.2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda se mai hija l-preskrizzjoni kwinkwennali cioe` l-Art.2156(f) tal-Kap.16. Inoltre jinghad ukoll li kif ritenut mill-Qorti : « Invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikulari kontemplati mill-Ligi, l-Qorti ma tistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikulari ohra li ma gietx invokata." (Domenico Bezzina pro et noe vs John Said - dec.4.3.1958 – Vol.XLII –1152)**

**4. Il-konvenut Pius Camilleri, jghid li fl-1998 kien kera appartament lil konvenut Ramazan, fejn kien hemm linja telefonika bin-numru 371302. kien sar ftehim li il-linja tinqaleb fuq Ramazan, u fil-fatt hekk sar u l-inja l-dida kienet iggib in-numru 383530. Wara xi zmien f'Mejju, 1999, il-konvenut sab illi s-socjeta` attrici kienet qatghet il-linja ta' Ramazan. Is-socjeta` attrici infurmatu li l-linja inqatghet peress li kien hemm kont ta' disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm952.29), li kien f'isem Camilleri, u li ma kienx sar it-trasferiment tal-linja.**

**5. Il-konvenut Camilleri jispejga illi Ramazan kien iffirma minfloku ghall-linja ohra u kien dahhal l-istar services. Il-konvenut Camilleri jghiod li Ramazan kien qallu li lest li jerfa r-responsabilita kollha ta' dak li sar. Il-konvenut Camilleri mar il-Maltacom fejn iltaqa u tkellem ma' Mark Ciantar u Julian Bonello, u pprotesta dwar il-fatt li sar trasferiment minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu. Iben Camileeri, Ludwig Camilleri, kien prezenti ghall dan l-inkontru. Jghid li l-ufficjali tas-socjeta` attrici assikuraw li mhux ser ikun hemm problemi peress illi Ramazan kien obbliga ruhu li jhallas, pero f'rati u dana skond id-dok esebit a fol.66 tal-process.**

**6. L-inkontru li sar u d-diskors li ghadda mal-ufficjali tas-socjeta` attrici jinsab korroborat minn iben-il konvenut Ludwic Camilleri.**

**7. Illi ghalhekk huwa biss l-konvenut Ramazan Ertugul li ghandu jirrispondi ghat-talba attrici, u definitivament mhux il-konvenut Camilleri.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Camilleri dwar li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-Art.2148(a) u (f) tal-Kap.16, qed jillibera lill-konvenut Pius Camilleri mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lill-konvenut Ramazan Ertugul ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm324.57) bl-imghaixjiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Ramazan Ertugul.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------